KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 3**

**It-Tlieta, 13 t'Awwissu 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-17:50.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Hadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr | Alexander Borg Galea | Konsulent Ambjentali (online) |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

*Is-seduta tal-Kunsill kellha tibda fis-17:50 minħabba li s-Sindku Scott Camilleri nqabad xogħol.*

**03.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**03.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**03.01.02** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech staqsa jekk iridx jiġi provdut ċertifikat meta kunsillier jibgħat javża li mhux se jkun preżenti għal-laqgħa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li m'hemmx lok li jintalab ċertifikat, iżda jekk jinħass il-bżonn li ssir talba għalih ma jara xejn ħażin li dan jintalab. Huwa tenna li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li tintbagħat email jew ittra formali lis-Segretarju Eżekuttiv.

**03.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 02)**

**03.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 02.

**03.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 02 ġew approvati unanimament.

**03.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**03.03.01** *4 bankijiet għal Triq FM Ferretti*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Viċi Sindku Josette Busuttil kienet bdiet korrispondenza dwar 4 bankijiet għal Triq FM Ferretti. Huwa semma li bħala street furniture hemm tender li kien maħruġ mill-Kunsill, għalhekk inġabret biss kwotazzjoni waħda. Dan preżenta r-ritratti ta' bankijiet li jistgħu jiġu offruti mis-supplier. Il-prezz ta' 4 bankijiet se jammonta għal €2,312.64. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**03.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**03.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-problema tal-ħamiem. Huwa qal li din se jtellagħha bħala agenda item fil-laqgħa li jmiss mar-Reġjun. Huwa spjega li m'hawnx entità konċernata biex tirregolarizza din il-problema.

**03.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-laqgħa li saret aktar kmieni rigward il-webcams. Huwa fakkar li kellhom isiru 2: waħda l-Qajjenza u oħra mal-binja tal-Kunsill, iżda billi kien hemm diġà waħda l-Qajjenza din reġgħet ġiet attivata u għalhekk, minflok, issuġġerixxa li ssir waħda Wied il-Buni, iżda qabelxejn trid issir komunikazzjoni mas-sidien tal-istabbilimenti tal-akkwata biex jipprovdu dawl u internet.

**03.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar Jum Birżebbuġa 2024 fejn qal li l-pjan huwa li din issir nhar is-Sibt 5 t'Ottubru 2024. Il-proċess huwa maħsub li jibda fil-jiem li ġejjin. Bħala post ġie suġġerit il-Qajjenza f'Wesgħa Ramon Perellos. Se jkollna nġibu generator minħabba nuqqas ta' supply tad-dawl.

**03.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri qal li hu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana attendew għal laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għax-xogħlijiet pubbliċi s-Sur Omar

Farrugia u m'uffiċjali fi ħdan l-istess segretarjat, li taħthom jaqa' l-PWD, fejn magħhom ġew diskussi l-proġetti pendenti. Semma wkoll li se jkun hemm laqgħa oħra fejn ħa jiġu diskussi x-xogħlijiet tax-xatt u x-xogħlijiet tal-bankini, it-tindif ta' Triq Tal-Papa ma' Triq Ta' Feliċjan, u ċ-ċentru ċiviku.

## 03.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**03.05.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet ilment rigward ir-rotta fi żmien il-festa, fejn ix-shuttle service ma bediex jopera kif mitlub u għalhekk tħallew in-nies l-art jistennew fix-xemx. Hija ssuġġeriet li l-pjan għad-darba li jmiss isir billi dan jgħaddi minn Triq il-Brolli għal fejn il-grawnd u jagħti servizz lil Tal-Papa jew jidħlu minn Ħal Għaxaq u jgħaddu minn Ħal Far, biex b'hekk jitla' minn Tal-Papa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li fil-passat kellna kwistjonijiet ma' MPT fuq il-ġimgħa tal-festa. Huwa qal li l-Kunsill provda kull tip ta' informazzjoni rikjesta minn qabel iżda għal xi raġuni din l-entità ma mxietx mal-linji gwida provduti. Semma wkoll li fil-komunikazzjoni tas-Sindku se jkun qiegħed jagħti suġġeriment għal laqgħa fil-jiem li ġejjin mal-partijiet kollha involuti.

**03.05.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar il-petizzjoni ta' Wied Żnuber. Hija staqsiet jekk hemmx xi żviluppi. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li matul dil-laqgħa se jingħaqad il-konsulent ambjentali tal-Kunsill Dr Alexander Borg Galea sabiex jagħti iktar dettalji dwar dan.

**03.05.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet talba dwar il-korrispondenza. Hija xtaqet li l-kunsilliera jiġu infurmati bl-iżviluppi li jkunu għaddejjin fil-lokalità sabiex ikunu aġġornati f'każ li jiġu avviċinati mir-residenti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li min-naħa tal-uffiċċju korrispondenza bħal inviti, applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, stediniet għal laqgħat u press conferences, kif ukoll korrispondenza b'suġġetti inġenerali dejjem jintbagħtu lill-kunsilliera kollha. Korrispondenza, ilmenti u talbiet marbuta ma' dekasteru partikolari, il-prassi tal-Kunsill hi li tintbagħat lis-Sindku u lill-kunsillier responsabbli mid-dekasteru.

**03.05.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar ir-rampa ta' fejn Alfresco. Hija xtaqet tkun taf fiex wasal il-proċess ta' din ir-rampa li se tkun ta' benefiċċju għal persuni b'diżabilità. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li min-naħa tiegħu bagħat diversi tfakkiriet lil MTA sabiex jagħmlu dan il-proġett propost. Huwa spjega wkoll li ma jistax isir ix-xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill jekk qabel ma jiġix iffirmat dan il-ftehim. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk is-simenta tistax tiġi llixxjata għalissa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li jrid jiċċekkja mal-Cleansing sabiex ir-ramel jittella' mas-simenta u jiċċekkja wkoll mal-foreman sabiex isir railing tal-ħadid.

**03.05.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar parkeġġi residenzjali. Hija xtaqet tkun taf meta se jibda l-proċess għas-servizz ta' din it-talba. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li l-ħidma fuq din it-talba ssir fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li hekk se jkun tard wisq biex titlesta sas-sajf u għalhekk issuġġerixxa li l-ħidma tibda fl-aħħar kwart ta' din is-sena. Is-Sindku Scott Camilleri flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana qablu li f'Novembru ta' din is-sena tibda l-ħidma fuq din it-talba.

**03.05.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar il-bins ta' quddiem Water's Edge. Hija qalet li ftit tal-jiem ilu ressqet talba biex jitneħħew l-iskips ta' fejn l-imsemmi post. Qalet li ġiet mgħarrfa li dawn iridu jitneħħew min-naħa tal-infurzar. Spjegat li billi dawn l-iskips huma tan-negozji mhux permessi li jitħallew barra u għalhekk xtaqet li tkun taf x'inhu l-pass li jmiss. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li riċentement irċieva telefonata minn uffiċjal tal-MTA fuq din il-kwistjoni u talbu biex issir investigazzjoni dwar dan il-każ. Huwa qal li infurmah li m'hemm l-ebda permess mogħti mill-Kunsill sabiex ikun hemm skips fuq barra.

**03.05.07** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech ressaq mistoqsija dwar żieda ta' pulizija tal-komunità f'Birżebbuġa. Huwa staqsa dwar il-possibiltà biex bħala Kunsill issir talba sabiex jiżdiedu l-pulizija tal-komunità billi Birżebbuġa hija magħquda ma' Marsaxlokk, u għalhekk ġieli jkun hawn nuqqas ta' preżenza fil-lokalità. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' din it-talba u talab lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jagħmel talba formali.

**03.05.08** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech ressaq mistoqsija dwar il-permess ta' parkeġġi fuq ix-xatt. Huwa talab sabiex ikollu kopja tal-permessi uffiċjali li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ħareġ għal persuni biex ikunu jistgħu jidħlu fuq ix-xatt bil-vettura tagħhom. Staqsa wkoll kif, skont il-lista li kien ingħata, hemm persuni li għandhom aktar minn aċċess wieħed u fuq liema kriterji jinħarġu dawn il-permessi ta' parkeġġi fuq ix-xatt u l-madwar. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li biex tinstaq vettura fuq ix-xatt irid jintalab permess mill-Kunsill permezz ta' email jew ittra uffiċjali. Spjega li persuni b'aktar minn aċċess wieħed jinkludu ħaddiema u service users bħal ġbir ta' skart, etċ. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din se tkompli tiġi diskussa iktar 'il quddiem fil-laqgħa billi hemm agenda item dedikata għaliha.

**03.05.09** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech ressaq mistoqsija dwar uffiċjali tal-ECO. Huwa staqsa jekk il-Kunsill Lokali jaqbilx illi jidħol fis-seħħ is-servizz addizzjonali ta' uffiċjali tal-ECO biex jissorveljaw fejn qed isir l-abbuż ta' rimi illegali madwar il-lokalità. Huwa semma li dan is-servizz jinkludi ħlas addizzjonali iżda jemmen li se jkun effettiv billi dan is-servizz diġà qed jingħata lil lokalitajiet oħrajn li wrew li qed iħalli l-frott mixtieq. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa lill-Kunsillier Ivan Abela Grech sabiex jitkellem mal-Kunsilliera Maria Mifsud ħalli jsir dan it-tip ta' infurzar. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' din it-talba u talab lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jagħmel talba formali.

**03.05.10** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech ressaq mistoqsija dwar xiri ta' fence u gradi. Huwa staqsa lill-Kunsill sabiex jinxtara fence ta' 30 metru tul u 2 gradi biex jitpoġġew bejn il-football/basketball court u l-outdoor gym. Huwa ssuġġerixxa li l-fence u l-gradi li jinxtraw jikkumplimentaw l-ambjent tal-Bajja s-Sabiħa. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' dan u talab lill-Kunsill għall-approvazzjoni sabiex tinġieb din l-istima.

**03.05.11** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar kjarifikazzjoni fuq l-għawm tal-annimali. Rigward l-għawm taż-żwiemel huwa talab jekk hux possibbli li jinġieb parir legali jekk dawn is-sinjali humiex posthom hemm, u jekk le jaraw x'jixtiequ li jkunu r-regoli għall-għawm taż-żwiemel u kif jistgħu dawn jiġu imponuti. Rigward l-għawm tal-klieb fuq xtajtiet tal-blat huwa staqsa jekk jistax jinġieb parir legali dwar jekk bħala Kunsill jistax ikun hemm parti mix-xatt bil-blat riservat għan-nies u mingħajr annimali permezz ta' bye-law jew mezz ieħor. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li din il-materja

tiġi preżentata bħala agenda item fis-seduta li jmiss sabiex ikun hemm konsultazzjoni sew fuqha.

**03.05.12** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar progress fix-xogħlijiet ta' Ġnien l-Indipendenza. Huwa staqsa jekk il-Kunsill jistax jingħata aġġornament tax-xogħlijiet li saru u għadhom iridu jsiru fuq Ġnien l-Indipendenza inklużi x'bidliet saru mill-pjanijiet li nħarġu mat-tender. Xtaq ikun jaf jekk hemmx xi data li mistenni jitlestew dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jagħmel mezz biex iġib aġġornament uffiċjali minn Project Green qabel is-seduta. Semma li bħalissa għaddejjin xi finishing works tal-bankini, beda xi xogħol ta' żebgħa fuq ir-riserva, ħa jibda x-xogħol tal-installazzjoni tad-dawl, charging stations, railing, u installazzjoni ta' shading canopy. Huwa qal li x-xogħlijiet bdew iktar tard mid-data prevvista u għalhekk hemm il-pjan li dawn jitlestew fl-ewwel ġimgħa t'Ottubru.

**03.05.13** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar tabella fi Triq Sant'Anġlu. Hija staqsiet meta se titneħħa t-tabella tal-exhaust pipe wara li kien hemm qbil li titneħħa minn hemm. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li dik it-tabella kien hemm talba għaliha minn residenta, qabel ma saret. Huwa semma li fil-passat kienu qablu li t-tabella timxi. Spjega li meta saret din it-tabella ma kien joqgħod ħadd hemm iżda issa li tela' l-bini ġiet quddiem bieb ta' residenti oħra. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li talab lill-ħaddiema biex jaraw għala ma nqalgħetx.

**03.05.14** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar Wied ix-Xoqqa. Hija semmiet li fl-imsemmi wied hemm periklu kbir billi hemm bini li dalwaqt jaqa' u n-nies qed joqogħdu taħtu għad-dell. Hija staqsiet jekk hux possibbli jsiru tabelli jew jingħalaq il-post. Is-Sindku Scott Camilleri talabha biex tagħmel rapport lil SCH u sadanittant il-Kunsill jagħmel xi tabelli ta' twissija ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qabel li jsiru tabelli biex ma jidħlux nies u jittieħdu ritratti tagħhom hekk kif dawn jiġu mwaħħla.

**03.05.15** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar charcoal mormi fuq il-blat. Hija semmiet li ġiet avviċinata minn bosta residenti li qed isibu charcoal mormi fuq il-blat u talbet biex isiru iżjed spot checks ħalli jitnaqqas dan l-abbuż. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-aħħar li niżel fil-post ra li hemm nuqqas ta' tankijiet tal-ħadid. Huwa talab lill-Kunsilliera Maria Mifsud sabiex tagħmel kuntatt mal-Cleansing ħalli jipprovdulna iktar minn dawn it-tankijiet. Rigward uffiċjali tal-LESA qal li trid tiġi kkunsidrata.

**03.05.16** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar dgħajjes f'Dawret il-Qalb Imqaddsa. Hija xtaqet tkun taf meta se jittieħdu l-passi neċessarji fuq il-ħmieġ li qed iħallu s-sidien tad-dgħajjes fl-imsemmi post. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li l-Kunsillier Ivan Abela Grech u l-Kunsillier Darren Mark Debono jagħmlu laqgħa mal-għaqda tas-sajjieda. Semma wkoll li kien tfassal pjan ta' kif ħa jaħdmu fuq iż-żona.

**03.05.17** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar kameras f'Misraħ Hamil Barka. Hija xtaqet tkun taf jekk dawn humiex qed jaħdmu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li għadhom jaħdmu però kien hemm daqsxejn ta' problema. Huwa semma li billi dawn jaħdmu bil-batterija dawn iridu jiġu ċċarġjati kull jumejn, għalhekk ġiet mixtrija solar panel sabiex is-servizz ta' dawn il-kameras ikun aħjar. Il-pjan hu li jmur hu mal-ħaddiema l-għada tal-laqgħa, jew nhar il-Ġimgħa, fuq il-post sabiex din tiġi installata.

**03.05.18** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar green wardens. Hija xtaqet tkun taf jekk huwiex possibbli li l-green wardens jitqabbdu għassa fejn l-ibins tal-Freeport u żoni oħra bil-problemi. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li jaqbel ma' dan is-suġġeriment u talab biex isir kordinament bejn il-Kunsilliera Maria Mifsud, il-Kunsillier Ivan Abela Grech u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat minħabba l-ispejjeż involuti. Huwa talab lill-Kunsillier Ivan Abela Grech sabiex jibda bil-proċess tal-ECO għall-Ġimgħa filgħaxija u s-Sibt filgħaxija. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' din it-talba u talab lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jagħmel talba formali. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa jekk hux se jkun hemm xi forma ta' introjtu għall-Kunsill ladarba tinħareġ multa lil xi ħadd. Il-Kunsillier Ivan Abela Grech wieġbu li se jiċċekkja dwar dan.

**03.05.19** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar pots fi Triq FM Ferretti. Hija xtaqet tkun taf meta se jsiru l-pots fuq il-bankina l-wiesgħa tal-imsemmija triq, li kien hemm ftehim fuqhom fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Maria Mifsud sabiex tikkordina mal-foreman u l-ħaddiema tal-amministrazzjoni biex jinxtraw dawn il-pots billi fl-aħħar xahar kien hemm ħafna xogħol relatat mal-festa.

## 03.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**03.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Lulju fuq il-mejda tal-kamra.

**03.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ntbagħtet email lill-kunsilliera dwar Direttiva Numru 2/2024 rigward l-aġġornament tal-laqgħat tal-Kunsill fejn semma li rċevejna komunikat min-naħa tad-Diviżjoni li persuna trid tkun preżenti għal-laqgħa fil-bini amministrattiv tal-Kunsill u mhux b'mod virtwali.

## 03.07 Korrispondenza

**03.07.01** Il-Kunsillier Alex Caruana xtaq ikun jaf meta ħa jibdew ix-xogħlijiet tas-sleeping police. Is-Sindku Scott Camilleri talbu sabiex itella' l-proċess mal-kuntrattur, jiftiehem mal-perit tal-Kunsill, u jibda jfassal il-fażi. Talbu wkoll biex jaġġornah dwar l-ispiża u liema toroq se jkunu involuti.

*Fis-19:20 talab li jiġi skużat il-Kunsillier Alex Caruana.*

**03.07.02** Il-konsulent ambjentali tal-Kunsill Dr Alexander Borg Galea pparteċipa online sabiex jagħti spjegazzjoni fuq Wied Żnuber. Huwa qal li parti minnu hemm propost li jista' jsir żvilupp ta' sport. Semma li bħalissa l-konsultazzjoni magħluqa u qed nistennew il-pubblikazzjoni ta' kull sottomissjoni li saret, kif ukoll risposta min-naħa tal-awtorità konċernata għall-pass li jmiss. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa jekk hemmx xi proċess ta' konsultazzjoni pubblika oħra jew jekk hux kemm nistennew risposta. Il-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea wieġeb li kull sottomissjoni trid tiġi ppubblikata, għalhekk bħalissa dawn is-sottomissjonijiet jinsabu fir-review stage. Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa jekk din hix se titla' fil-Parlament. Dr Alexander Borg Galea kkonferma dan. Is-Sindku Scott Camilleri rringrazzja lil kull min ta sehmu fiha.

**03.07.03** Il-konsulent ambjentali tal-Kunsill Dr Alexander Borg Galea semma li l-proposta tal-varjazzjoni tal-impjant tal-ħut għadha fil-proċess. Huwa semma wkoll li kien hemm sottomissjoni oħra PA 527/24 rigward garaxx li jinsab viċin l-impjant u li bħalissa l-istatus tagħha huwa li qed jistennew rakkomandazzjoni. Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa jekk it-tibdiliet proposti hux se jaħdmu. Dr Alexander Borg Galea wieġeb li dawn jistgħu joperaw kif kienu. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil Dr Alexander Borg Galea sabiex jibgħat jikkonferma mal-Water Services Corporation jekk dan l-impjant hux se jkun qed jarmi fis-sistema tad-drenaġġ xħin se jkun qed jopera f'Settembru 2024. Dr Alexander Borg Galea qal li tkellem mas-Sa Amy Brincat mill-ERA fejn se titlobna biex issir laqgħa magħhom għall-aħħar ta' dan ix-xahar ħalli jispjegawlna aktar aħjar dwar permessi, operat, etċ.

**03.07.04** Il-konsulent ambjentali tal-Kunsill Dr Alexander Borg Galea tkellem dwar l-applikazzjoni PA/04709/24. Hawn qed jiġi propost twaqqigħ ta' propjetà eżistenti għal applikazzjoni ta' binja ta' 46 garaxx, ħanut, u 48 residenza ġewwa Triq il-Kostituzzjoni, fiż-żona magħrufa Ta' Feliċjan aka Tad-Dakkiena aka Tal-Barumbara, li tidħol minn sqaq ġewwa Triq iż-Żurrieq. Huwa qal li qed jara numru ta' problemi li jistgħu jinħolqu fuq is-sistema ta' drenaġġ, il-parkeġġi, saħħa tal-elettriku, etċ. Hu se jkun qed jibgħat lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar x'inhuma l-miżuri li ħa jittieħdu. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil Dr Alexander Borg Galea sabiex jibgħat is-sottomissjoni b'email ħalli jarawha l-kunsilliera.

**03.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri staqsa lil Dr Alexander Borg Galea rigward it-tinda f'Wesgħa Carmelo Caruana. Dr Alexander Borg Galea wieġeb li l-PA qalu li hemm sottomissjoni fuqha però l-permess mhux qiegħed hemm. Huwa se jitlob spjegazzjoni mill-awtorità għal xiex sar is-sensazzjonar fuq xi ħaġa li saret qabel ma ntalab il-permess.

**03.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ntalab feedback min-naħa ta' TM fuq il-linji sofor. Huwa qal li l-Kunsillier Alex Caruana se jagħti iktar spjegazzjoni ċara fuqha fil-laqgħa li jmiss.

**03.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet talba għal sistema ta' one-way fil-Qajjenza. Huwa spjega li hemm resident li għandu coach u qed isib diffikultà biex idaħħal il-vettura fil-garaxx, għalhekk ikollu joħroġ kontra d-direzzjoni tat-traffiku kull darba. Semma wkoll li kienet intbagħtet korrispondenza lil TM għall-approvazzjoni biex jinħareġ permess lil dan ir-resident li għall-ħin li jkun irid joħroġ/jidħol fil-garaxx ikun jista' joħroġ kontra d-direzzjoni tat-traffiku, però jrid jikkonferma dwar dan. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex isir kordinament bejn il-Kunsillier Ivan Abela Grech u l-Kunsillier Alex Caruana.

**03.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-kappillan għamel talba biex quddiem iċ-Ċentru Pastorali tal-Qajjenza isir parkeġġ riservat li jkun użat mill-katekisti jew saċerdot fil-ħinijiet tal-katekeżi u liturġiċi. Il-kunsilliera preżenti qablu li ssir alighting/boarding bay mill-16:00 sas-19:30 fil-ġranet imemmija.

**03.07.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li jkun għaqli li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni ta' biċċa vojta li tinsab biswit Triq Santa Katarina fejn qabel kien hemm il-bandli ħalli b'hekk tkun propjetà tal-Kunsill. Il-Kunsillier Karel Zahra qal li ma jaqbilx mal-pjanti. Għal fini ta' devoluzzjoni s-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li l-Kunsill

japplika b'kunċett ta' ġnien. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan. Se nkellmu lill-perit tal-Kunsill sabiex jibda bl-applikazzjoni.

**03.07.10** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Johann Borg bagħat korrispondenza dwar il-mafkar tal-mibki s-Sur Joseph Zammit. Huwa talab lill-kunsilliera preżenti sabiex iħejju xi proposti u ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-familja tiegħu. Il-Kunsilliera Rohasia Zammit se tikkordina mal-familja tiegħu.

**03.07.11** Is-Sindku Scott Camilleri semma l-manutenzjoni ta' proġetti – SPI/SCI/4. Il-Kunsill se japplika għall-fondi tal-proġetti infrastrutturali maħruġa mid-Dipartiment. Il-perit tal-Kunsill qed jikkalkula li l-ammont totali huwa dak ta' €52,000. Il-Kunsill se jagħmel talba għal €50,000. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

**03.07.12** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen għamlu talba ta' €620 għal rimborż mir-Reġjun. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

**03.07.13** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar proġett mill-Unjoni Ewropea sabiex nieħdu ħsieb il-Mediterran. Huwa qal li l-idea hija biex jinstab u jitneħħa kwalunkwe tip ta' tniġġis mill-ibħra Mediterranji. Il-fond huwa dak ta' €100,000. Spjega li jrid isir studju sew fuq dan. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dan mhuwiex għaqli li jsir billi l-proċess jirrikjedi ħafna xogħol u ħin. Il-kunsilliera preżenti qablu li ma napplikawx għal dan il-proġett.

**03.07.14** Il-Kunsillier Karel Zahra ta spjegazzjoni dwar il-Junior Science Club. Huwa spjega li din hija inizjattiva biex wara l-ħinijiet tal-iskola jsiru sessjonijiet għal tfal bejn it-3 u s-7 snin u bejn is-7 u l-10 snin. Din tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali u l-ħlas huwa dak ta' €80 għas-sessjonijiet kollha. Huwa spjega li l-animatur għal dawn is-sessjonijiet irid jinstab mill-Kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan. Il-Kunsilliera Rohasia Zammit se tieħu ħsieb dan il-kordinament.

**03.07.15** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit semmiet li kellha laqgħa mal-kunsill tat-tfal. Hija qalet li biex flimkien mal-Kunsill Lokali jinħoloq spazju għal tfal ta' bejn is-6 u s-16-il sena biex jaqsmu l-ideat u l-opinjonijiet tagħhom fuq il-lokalità tagħhom. Dan se jkun qed isir darba f'xahar u staqsew jekk jistgħux jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

**03.07.16** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza mis-segretarju ta' Birżebbuġa Windmill FCN sabiex jitolbu sponsor mal-Kunsill ħalli jkopru l-ispejjeż relatati mat-trasport tan-nursery. L-ispiża tas-sena l-oħra kienet tammonta għal €2,816. Huwa qal li bħala Kunsill kulma jista' jagħmel hija kollaborazzjoni u mhux sponsorship. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li ninfurmaw lill-għaqda li jekk għandhom xi kollaborazzjonijiet futuri jibagħtulna l-proposti sabiex jiġu diskussi. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

**03.07.17** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-MSSA se terġa' torganizza attività oħra ġewwa Birżebbuġa bejn l-20 u t-22 ta' Settembru fejn talbu sabiex nissupplixxuhom b'xi materjal fosthom ammont ta' trofej, barriers, portable toilets u first aiders. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-uffiċjal eżekuttiv preżenti sabiex ikollna l-ammont ta' trofew meħtieġ ħalli l-Kunsill ikun jista' jalloka budget. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

## 03.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**03.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni/rakkomandazzjoni.

*Bħalissa d-20:45 u s-Sindku Scott Camilleri talab li s-seduta tiġi estiża sakemm tintemm.*

## 03.09 Immaniġġjar taż-żona tal-Bajja s-Sabiħa

**03.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li jiġi diskuss l-immaniġġjar tal-Bajja s-Sabiħa. Huwa talab lill-Kunsillier Ivan Abela Grech sabiex jitfassal pjan mal-pulizija tal-komunità u ssir analiżi ta' x'hemm attwali u problemi fl-akkwata ħalli dan ir-rapport jitla' fis-seduta li jmiss.

## 03.10 Triq Żaren Dalli

**03.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa hemm korrispondenza għaddejja bejn il-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-Kunsilliera Maria Mifsud rigward is-sitwazzjoni fi Triq Żaren Dalli. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jifhem il-problemi ta' ndafa li hemm f'din it-triq u ser ikun qed jagħmel numru ta' inizjattivi biex itejjeb is-sitwazzjoni preżenti. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li għandha ssir laqgħa mar-rappreżentanti tal-monti.

**03.10.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat dwar l-għalqa fejn żdied it-tiġieġ. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għandu jitneħħa t-tiġieġ u jitwaħħal hoarding minn naħa s'oħra biex nipprevjenu milli jintrema skart illegali fiha. Huwa qal li se jikkordina x-xogħol hu mal-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fil-ġimgħat li għaddew bagħat diversi korrispondenzi lill-Awtorità tal-Ippjanar, ERA, sanità, fost oħrajn. L-ERA wieġbu lura u qalulna li se jwaħħlu avviż mal-binja. Se jkun qed jibagħtilhom tfakkira f'qasir żmien. Dwar il-pots tal-qsari, is-Sindku Scott Camilleri se jkun qed jibgħat lill-ħaddiema tal-Kunsill.

**03.10.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud talbet biex issir talba lill-Cleansing biex naraw fejn qed jinħasel bil-power wash għax ix-xatt ta' San Ġorġ tħalla kollu trab wara li għamlu xi xogħlijiet l-Enemalta. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Maria Mifsud biex tikkomunika mal-Cleansing ħalli jipprovdulna s-servizz fi żmien ġimagħtejn.

**03.10.04** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat li fejn il-bins tal-ħwejjeġ qed ikun hemm ammont ta' spallieri mal-art. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex issir talba lill-Cleansing.

## 03.11 Proposta għall-open-air gym

**03.11.01** Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa rċieva proposta mingħand Bulletproof sabiex jiġi installat open-air gym min-naħa tagħhom ġewwa l-Bajja s-Sabiħa. It-tagħmir li hemm bħalissa se jiġi rijabilitat u mċaqlaq għal post ieħor.

**03.11.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-outdoor gym għandha ssir tabella li tgħid li tfal taħt it-12-il sena għandhom ikunu akkumpanjati mill-adulti u talab sabiex ikollna

feedback min-naħa tal-kumpanija tal-assigurazzjoni ħalli naraw li l-materjal huwa kopert bil-polza tal-assigurazzjoni u li f'każ li jweġġa' xi ħadd inkunu koperti wkoll.

**03.11.03** Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-kunsilliera jekk naqblux ma' din il-proposta sabiex niffirmaw ftehim. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu u aċċettaw dan il-ftehim.

## 03.12 Foreman tal-Kunsill

**03.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li dan ix-xahar irtira l-foreman is-Sur Raymond Vella wara bosta snin jaħdem mal-Kunsill u li minfloku ħa l-irwol tiegħu s-Sur Daniel Cutajar (ħaddiem misluf fi ħdan il-Kunsill). Huwa ssuġġerixxa li waqt Jum Birżebbuġa jingħata rikonoxximent lis-Sur Raymond Vella.

**03.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-foreman il-ġdid is-Sur Daniel Cutajar talab li jkollu inċentiv sa massimu ta' €400 fix-xahar min-naħa tal-Kunsill, billi l-paga tiegħu tinħareġ mill-kumpanija li qed tislef lil dan il-ħaddiem. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**03.12.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa jekk għandhiex tingħalaq il-pożizzjoni vakanti ta' foreman li fil-preżent tinsab miftuħa mal-Jobsplus. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li issa din għandha tingħalaq.

## 03.13 Skema Attivitajiet Kulturali u Natalizji

**03.13.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ta spjegazzjoni dwar l-iskema tal-attivitajiet kulturali u natalizji. Huwa fakkar li fil-laqgħa preċedenti kien intqal li kellha ssir komunikazzjoni mal-kappillan biex ningħaqdu mal-organizzaturi ta' Milied fil-Pjazza. Il-kappillan iċċekkja dwar dan iżda m'hemmx ftehim li naħdmu ma' dawn l-organizzaturi. L-aħħar attività msemmija se ssir xorta però dawn se jaħdmu indipendenti mill-Kunsill. Il-kappillan issuġġerixxa li ssir attività f'Mejju fejn issir purċissjoni f'Bengħajsa l-Ħamis, u l-Ġimgħa jitkomplew xi attivitajiet kulturali. Ġie deċiż li fi żmien il-Milied ma tiġix organizzata attività oħra mill-Kunsill meta diġà jkun hemm waħda organizzata minn għaqda volontarja. Però se tiġi organizzata attività ġdida min-naħa tal-Kunsill f'Mejju 2025..

**03.13.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rridu ninfurmawhom bid-deskrizzjoni tal-attività hekk kif kienet rikjesta fl-applikazzjoni, estimi tal-ispejjeż, id-data ta' meta se ssir l-attività, u li dawn kollha jridu jkunu minuted u nibagħtulhom kollox. Is-Sindku Scott Camilleri qal li trid tintefa' s-sottomissjoni f'Settembru 2024. Huwa ta l-opinjoni li tintbagħat email formali li l-attività tal-Milied se titwaqqa'. Minflok, se ssir attività f'Mejju li d-dettalji tagħha se joħorġu iktar 'il quddiem. Is-Sindku Scott Camilleri se jifformola u jiċċirkola email lill-kunsilliera kollha.

## 03.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**03.14.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar pagament numru 42. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li konna xtrajna grass cutter ieħor ħalli ma jintużax dejjem l-istess.

**03.14.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar pagament numru 45. Is-Sindku Scott Camilleri kkonferma li dak il-pagament huwa relatat mal-festa.

*Petty cash:*

**03.14.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.
Fuq proponiment tal-Kunsilliera Rohasia Zammit, u sekondata mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 03.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**03.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fid-21:15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 10 ta' Settembru 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 10 ta' Settembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |